# MINN BETLEHEM GHALL-KALVARJU

**LEĠĠENDA SAGRA**

*Ta'* A. CREMONA

Riduzzjoni u Addattament għall-Palk

Minn "THE STORY OF THE OTHER WISE MAN"

*Ta'* Henry Van Dyke

Ippubblikat minn Harper & Row

(*Original Publisher*)

## *PERSONAĠĠI*

ARTABAN, magu, Medjan fil-Belt ta' Ekbatana
ABGARUS, ,,
TIGRANES, ,,
RHODASPES, ,,
ABDUS, ,,
ORODES, ,,
LHUDI, Itturufnat fl-art ta' Babilonja
GASPRU
MELKJORRI } It-Tliet Slaten Maġi
BALDASSRI
Il-MARA ta' BETLEHEM
ĊENTURJUN Ruman
SULDATI, f'Betlehem
NISA ta' Ġerusalemm (3)
PARZJANI LHUD
Suldati f'Ġerusalemm
XBEJBA, Bint Medjan.

L-AZZJONI ssir fil-Belt ta' Ekbatana (Medja-Persja) fit-trufijiet ta' Babilonja, f'Borsippa, f'Betlehem u f'Ġerusalemm.

## *L-EWWEL TAQSIMA*

Fit-trufijiet tal-Belt ta' Ekbatana fil-Persja.

## IL-KEWKBA HABBARIJA

*DAHLA tal-Kommentatur:—*

KOMMENTATUR:— Intom tafu l-istorja tat-Tliet Slaten Maġi li ġew mil-Lvant u kienu qasmu artijiet kbar sabiex jaslu fl-Għar ta' Betlehem u joffru r-rigali tagħhom liċ-ċkejken Ġesù. Iżda intom ma smajtu qatt fuq ir-Raba' Wieħed mis-Slaten Maġi — il-ġrajja ta' dan is-Sultan Magu, li kien lemaħ ukoll il-Kewkba Ħabbarija u telaq għal warajha, imma ma wasalx ma' sħabu quddiem iċ-ċkejken Ġesù. Dwar ix-xewqa kbira ta' dan il-pellegrin, kemm kellu jiġġerra, u xi triqat twal għamel sabiex isibu, fuq il-ġrajjiet tiegħu, matul it-tlieta u tletin sena li dam ifittxu, u b'liema mod fl-aħħar kellu jara wiċċu, jiena dana ngħidulkom kif jinsab imfakkar fil-Kotba tal-Qedem, imbagħad wara snin f'waħda mil-leġġendi li nkitbu dan l-aħħar fuq dan ir-Raba' mis-Slaten Maġi, u kif issa se taraw ukoll fil-kwadri drammatiċi ta' din il-Leġġenda Spettakuluża.

*KOMMENTARJU NARRATIV — Introduzzjoni għall-Ewwel Kwadru:—*

Żmien l-Imperatur Awgustu Ċesri li kien isaltan fuq bosta artijiet tad-dinja, fosthom il-Palestina, u s-Sultan Erodi li kien jaħkem f'Ġerusalemm kien hemm fil-Belt ta' Ekbatana qalb l-igbla tal-Persja, ċertu bniedem jismu Artaban. Id-dar tiegħu kienet qrib it-trufijiet tal-ħitan ta' madwar il-belt, u minn fuq il-bejt ħarstu kienet tasal 'il fuq mit-trunċieri lejn il-għolja fejn kien jiddi bħal ġawhra l-Palazz tas-sajf tas-Slaten Parzjani. Madwar id-dar ta' Artaban kien hemm jinfirex ġnien sabiħ imżewwaq b'ward u msaġar tal-frott imsoqqijin min-nexxiegħat tal-ilma nieżel mill-ħotob tal-igbla ta' Orontes. Mat-tħaxwix tas-siġar u t-tbaqbiq tal-ilma nieżel dlonk kont tisma' t-tnespis ta' mitt għasfur imur jistkenn qalb iz-zkuk tas-siġar malli jħoss id-dalma tal-għabex issewwed ix-xefaq malli tkun għabet ix-xemx.

---

Jaqa' skiet kbir miksur biss mill-ħoss tan-nexxiegħa tal-ilma nieżel jingħi u jitmewwet ġod-dgħaben tad-dlamijiet.

'Il fuq mis-siġar tal-ġnien feġġet daqsxejn ta' dija ta' dawl minn bejn l-arkati tal-għorfa ta' fuq fejn is-sid tad-dar kien qiegħed jistenna lil ħbiebu għal-laqgħa u għaċ-ċerimonja sagra tal-ħruq tan-nar quddiem l-artal tal-Alla tal-Purità, Aħura Mażda.

## L-EWWEL KWADRU

*XENA:— Il-għorfa l-kbira ta' sid id-dar Artaban. L-art imżejna bi tpinġija kaħla 'l hawn u 'l hinn ivvinata bl-abjad fix-xfar. L-oqsfa lewn is-sema li minnu jfiġġu kwiekeb minn lewn il-fidda tleqq fuq pilastri b'fidda mibruma madwarhom, weqfin quddiem ħitan lewn ikħal. Artal fin-nofs u warajh żewġ pilastri tal-porfirju lewn aħmar dagħmi u fuqhom blata minquxa bix-xbieha ta' arċier bil-ġwienaħ jiġbed il-vleġġa mill-qaws. Il-bieb, bejn il-pilastri li jagħti għal terrazzin, mgħotti bil-purtieri ħoxnin tal-ħarir lewn ir-rummien skur irrakkmati b'raġġi minn lewn id-deheb minn tarf sa tarf. Mill-erba' kantunieri*

*tas-saqaf hemm imdendlin roti tad-deheb maġiċi, imsejħin ilsna tal-allat.*

*Qabel ma tidher ix-Xena, jinstama' bil-mod il-mod minn ġewwa l-kor ta' għanja sagra; wara ftit tinkixef ix-xena u jidhru bil-wieqfa jkantaw in-nies sħab ta' Sid id-Dar, ARTABAN, raġel ta' xi erbgħin sena, liebes libsa tas-suf abjad fuq libsa ta' taħt twila tal-ħarir. Minn taħt il-barnuża bil-ponta, b'żewġ dniedel twal fil-ġnub li biha hi mgħottija rasu tfeġġ tmewweġ qabda xagħar iswed. Madwar għonqu bħal sħabu, barbazzal oħxon tad-deheb. Fuq sidru ċrieki tad-deheb bil-ġwienaħ — emblemi tas-segwaċi ta' Zoroastru.*

*Madwar ARTABAN jidhru ABGARUS, TIGRANES, RHODASPES, ABDUS u ORODES, lebsin il-biesi tal-ħarir imżewqin, bil-barbazzal tad-deheb madwar għonqhom u l-emblemi taċ-ċrieki tad-deheb bil-ġwienaħ fuq sidirhom.*

*Quddiem l-artal jidher jixgħel in-nar ħiereġ minn bieqja fuq trepied tal-ħadid jew bronż. ARTABAN, waqt il-kor jidher jixħet fuq in-nar zkuk niexfa tas-snuber u jxerred żjut ifuħu.*

*GĦANJA tal-KOR:—*

Ismagħna, ja Mażda, fil-hena
tas-sema Inti tgħix u fis-sewwa;
Warrabna mill-qerq u eħlisna
mill-ħażen u rbit tal-għedewwa;
Urina d-dawl ta' ħajtek,
ta' tjubitek il-ħlewwa.

Dawwal il-ġonna, l-egħlieqi tagħna,
dawwal ix-xogħol ta' moħħna, idejna,
Dawwal in-nies tad-dinja kollha
sew jekk huma jew mhumiex imżejna
Bid-dawl ta' Dinek.

Dawwal bin-nar tal-madbaħ,
il-moħħ u l-qalb tal-bniedem;
Kebbes bis-setgħa tiegħek,
bid-dawl ta' mħabbtek
Il-ħsieb sabiex igħix miegħek.

*Hekk kif tehda l-Għanja, ARTABAN jagħmel sinjal b'idu biex sħabu joqogħdu bil-qiegħda. ARTABAN jibqa' bil-wieqfa quddiem maqgħad b'kuxxinett abjad bil-frenza tal-ħarir ikħal. Sħabu jimteddu fuq divan madwaru.*

ARTABAN: Intom, il-lejla, ġejtu hawnhekk bi stedina minn għandi bħala dixxipli fidili ta' Zoroastru sabiex inġeddu l-qima tagħna u nerġgħu nqabbdu u nixegħlu l-Fidi tagħna f'Alla tal-Purità. Aħna nqimu mhux in-nar, imma Lilu li tiegħu huwa x-xbieha, il-għaliex l-iktar safi fost il-ħwejjeġ maħluqin. Dan in-nar ikellimna fuq WIEĦED li hu d-Dawl u s-Sewwa.

ABGARUS: Hekk hu. L-aduraturi tan-nar u tad-dawl m'huma qatt idolatri. Huma jikxfu l-velu ta' dak li hu Sewwa, u jmorru quddiem l-artal biex ifissru s-Sewwa, u dawl ġdid u verità joħorġu minn fommhom b'riħet sinjali qodma.

ARTABAN: Isimgħuni mela, fil-waqt li ngħidilkom dwar id-dawl ġdid u l-verità li sirt naf b'riħet l-iktar sinjal qadim fost is-sinjali kollha. Aħna stħarriġna s-sigrieti tan-natura flimkien, kif ukoll il-fejqan b'mezz tal-ilma, nar u ħxejjex. Aħna qrajna wkoll il-kotba tal-profeti fejn dak li għandu jiġri jinbasar bi kliem li hu tqil biex tifhmu. Iżda l-ikbar għerf huwa fil-kwiekeb. Jekk aħna nistgħu nimxu fuqhom, ebda ħaġa ma għandha tibqa' moħbija. Iżda nafu aħna biżżejjed fuqhom? — M'hemmx ħafna kwiekeb oħra lil hinn mix-xefaq tas-sema tagħna? — Kwiekeb li jafuhom biss dawk li jgħammru lil hinn fl-artijiet ta' Nofs in-Nhar?

ILKOLL: Iva . . . Iva . . . Iva.

TIGRANES: Il-kwiekeb huma l-ħsieb ta' Dak li m'għandux tmiem. Huma ta' għadd hekk kbir li qatt ma tista' tgħoddhom. Iżda l-ħsibijiet tal-bniedem tista' tgħoddhom bħas-snin ta' ħajtu. Il-għerf tal-Maġi huwa l-akbar ta' kull għerf ieħor. Aħna dejjem nittamaw lill-bniedem għal tlugħ ġdid tax-xemx; iżda aħna nafu illi l-qawwa tad-dlam hija daqs dik tad-dawl u li l-ġlieda ta' bejniethom ma tintemm qatt.

ARTABAN: Jien ma naqbelx ma' dak li qal Tigranes il-għaliex jekk il-bniedem jibqa' jistenna dejjem, jekk dak li ilna nistennew aħna naħsbu li ma għandu jitwettaq qatt, tkun ħaġa ta' bla għaqal għalina li noqogħdu nistennew u dejjem nittamaw. Wara kollox jiena għandi qalbi qawwija illi d-dawl ġdid tax-xemx għandu jfiġġ fuq ix-xefaq fil-ħin sewwa li hu miktub mis-Sema. Jaqaw ma jgħidux il-kotba tagħna li dan għandu jiġri u li n-nies tad-dinja għandhom jaraw id-dija ta' dawl kbir?

ABGARUS: Dan hu minnu. Kull dixxiplu ta' Zoroastru jafu b'din il-profezija ta' Avesta. "F'dak il-jum Sosiosh ir-Rebbieħ għandu jqum minn fost il-profeti fl-art tal-Lvant. Madwaru għandu jiddi dawl qawwi, u jagħmel li l-ħajja tal-bniedem tibqa' bla ma titħassar u lanqas ikollha tmiem, u l-mejtin jerġgħu jqumu".

TIGRANES: Dan li qalilna Abgarus qajla wieħed jista' jemmnu u jifhmu, u aktarx li qatt ma nistgħu nifhmuh. Jaqbel aktar illi aħna nibqgħu nemmnu b'dak li s'issa jagħtina l-għerf tar-reliġjon tagħna bħala Maġi f'pajjiżna milli nfittxu l-għerf ta' ħaddieħor u nintrabtu ma' kliem il-barrani u niċħdu s-setgħa tagħna.

ILKOLL: *Jitkellmu bejniethom barra Artaban.*

ARTABAN: Jien żammejt din il-profezija moħbija fil-qiegħ ta' ruħi. Reliġjon mingħajr tama kbira hija bħal artal mingħajr nar iħeġġeġ. U issa l-ilsna tan-nar qed narahom iżjed qawwija u jiddu aħjar, u bid-dawl tagħhom jiena qrajt kliem ieħor li ġej minn għajn is-sewwa, kliem li jitkellem iżjed ċar dwar il-qawmien ta' Dak ir-Rebbieħ fid-dija tiegħu.

*ARTABAN waqt li jdawwar rasu u l-ħarsa tiegħu min-nar ta' fuq l-artal li qagħad jaraħ jħaġġeġ iżjed qawwi minn qabel, joħroġ minn ħobbu romblu ċkejken ta' bċejjeċ tal-għażel fin b'kitba fuqhom u jferrixhom fuq irkobbtejh. Jaqra:—*

"Fis-snin li telqu u ntilfu fid-dlamijiet tal-imgħoddi, wisq qabel missirijietna ġew fl-art ta' Babilonja, kien hemm għorrief fil-Kaldea li minn għandhom l-ewwel wieħed mill-Maġi kien tgħallem is-segriet tas-smewwiet, u fost dawk Balaam kien wieħed mill-iktar setgħana. Isimgħu l-kliem tal-profezija tiegħu:— "Għandha tidher kewkba min-naħa ta' Ġakobb, u xettru għandu jitla' min-naħa ta' Iżrael".

TIGRANES: Ġuda kien ilsir ħdejn ix-xmara ta' Babilonja u wlied Ġakobb kienu lsiera tas-Slaten tagħna. Ir-razza ta' Iżrael hija mxerrda fl-iġbla bħal ngħaġ mitlufa u mill-fdal ta' niesha li qegħdin igħammru fil-Lhudija taħt il-madmad ta' Ruma ebda kewkba jew xettru ma għandhom jinbtu.

ARTABAN: (*iwieġeb minnufih*) Iżda kien il-Lhudi Daniel li kien innebbieh ta' ħwejjeġ li kellhom jiġru, li kien jaqra l-ħsebijiet ta' Alla u li kien wera kemm sewwa ta' ġid lill-ġens tagħna bil-għerf tiegħu. Dan huwa l-kliem li hu kiteb: (*ARTABAN jaqra mit-tieni romblu*) — "Kunu afu, għalhekk, u ifhmu illi, miż-żmien li ngħata l-amar li targa' tieħu l-ħajja Ġerusalemm sakemm jasal il-Prinċep mibgħut mis-Sema, iż-żmien ikun sebgħa u tliet għexieren u ġimagħtejn".

ABGARUS: Dawn huma numri misterjużi. Min jista' jfissirhom? — Jew min jista' jsib il-muftieħ li bih tingħata t-tifsira tagħhom?

ARTABAN: Dan ġie mfisser lili u lit-tliet Maġi sħabi li huma: Gaspru, Melkjorri u Baldassri. Aħna fittixna u sibna t-tabelli ta' Kaldea u ikkalkulajna ż-żmien li jaħabat sew sew dis-sena. Aħna stħarriġna s-smewwiet u rajna wkoll kewkba ġdida li kienet tidher lejla waħda, imbagħad, tgħib. Aħna konna rajna tnejn mill-kwiekeb kbar li kienu resqin lejn xulxin, u l-lejla għandhom jiltaqgħu flimkien u jidħlu fl-imħalla tal-kwiekeb li għandhom ix-xbieha taż-żewġ ħutiet — li hija d-Dar tal-Lhud. It-tliet Maġi sħabi issa qegħdin għassa jistennewni fit-Tempju tas-Seba' Sferi

f'Borsippa f'Babilonja, u jien ukoll qiegħed għassa ta' dik il-kewkba. Jekk il-kewkba tarġa' tidher huma għandhom jistennewni għal għaxart ijiem fit-Tempju u mbagħad nitilqu flimkien għal Ġerusalemm biex naraw u nqimu l-Imwiegħed li għandu jitwieled Sultan ta' Iżrael. Jien lest biex nitlaq u mmur niltaqa' ma' sħabi. Begħt id-dar tiegħi u kulma għandi u xtrajt dawn it-tliet ġojjelli: żaffir, rubin u ġawhra biex neħodhom miegħi u noffrihom lis-Sultan. Issa sa nitlobkom biex tiġu miegħi sabiex aħna flimkien ikollna x-xorti sabiħa li nsibu lill-Prinċep li jisthoqqlu l-qima tagħna.

*(Huwa u jitkellem fuq il-ġojjelli ARTABAN jdaħħal idu ġewwa ċ-ċinturin u joħroġ tliet ġojjelli: wieħed ikħal, l-ieħor aħmar dagħmi u l-ieħor abjad silġ; jurihom wieħed wieħed u jpoġġihom fuq ir-romblu tal-għażel mifrux quddiemu).*

ILKOLL: *(Iħarsu lejn xulxin kollhom ħosbenin. Wiċċhom jixhed li huma bejn ħaltejn jekk għandhomx jemmnuh, jekk għandhomx jitilqu miegħu jew le; fl-aħħar jaqbeż TIGRANES u jgħid:)*

TIGRANES: Din hija ħolma, Artaban, ġejja minn staħriġ żejjed ta' kwiekeb u thewdin tal-moħħ. Ikun ħaġa iżjed għaqlija għalina kieku wieħed jaħseb jiġbor il-flus għat-tempju ġdid ta' Khala. Ebda sultan mhu sa jinbet mir-razza mfarrka ta' Iżrael, u l-ġlied li hemm bejn id-dlam u d-dawl, ibqa' fuq kliemi, ma jintemm qatt. Kull min qed ifittex dak kollu li nebbahtna bih inti jkun qed jiġri wara d-duħħan. Saħħa għalik *(joħroġ)*.

RHODASPES: Jien f'dawn il-ħwejjeġ ma nifhimx u l-karika tiegħi bħala għassies tat-teżori tas-Sultan torbotni magħha u ma nistax nissieħeb fil-mawra tiegħek. Din il-biċċa xogħol ma tgħoddx għalija, iżda jekk inti jidhirlek li għandek tagħmilha, itlaq bis-sliema. Il-kwiekeb imexxuk fit-triq twila li sa tieħu, jalla jkollok ir-rizq tal-ħsieb u x-xewqa tiegħek *(joħroġ)*.

ABDUS: F'dari hemm rieqda għarusa ġdida, u ma nistax inħal-liha, u lanqas nista' neħodha miegħi f'din il-mawra hekk im-wiegħra. Jalla r-rizq għal kull pass li tagħmel fil-mixja twila tiegħek. Għalhekk jien insellimlek. Jalla l-kwiekeb jieqfu miegħek *(joħroġ)*.

ORODES: Jiena marid u miniex tajjeb għat-tbatija ta' triq hekk twila, imma nista' nibgħatlek raġel minn fost il-qaddejja tiegħi jissieħeb miegħek u jwassalli aħbarek *(joħroġ)*.

ABGARUS: Jien l-ixjeħ fost sħabi kollha ma nistax niċħad kliemek. Jista' jkun illi d-dawl tas-Sewwa jinsab f'dak is-sinjal li deher fis-Sema u li għandu jwasslek għand il-Prinċep u lejn id-dija qawwija tas-Sema. Jew jista' jkun ukoll illi dan is-sinjal mhux

ħlief id-dell tad-dawl, bħalma donnu ried igħidilna Tigranes, u għalhekk min jiġri warajh ma jkunx qed jagħmel ħlief triq twila għalxejn. Dawk li jaħsbu u jixtiequ li jaraw ħwejjeġ tal-għaġeb għandhom dejjem ikunu lesti biex jimxu weħidhom. Jiena wisq xiħ għal din il-mawra twila, iżda qalbi dejjem tkun miegħek matul triqtek lejl u nhar, u għalhekk inkun naf it-tmiem tat-tfittxija tiegħek. Mur bis-sliema, jalla l-kwiekeb tas-Sema jwassluk f'tarf it-triq li fiha trid tasal u twettaq ix-xewqa tiegħek. Saħħa. (*Joħroġ*).

ARTABAN: *Jiġbor il-ġojjelli u jarġa' jqegħedhom fi ħżiemu. Joqgħod jħares lejn il-ġamar tal-bieqja ta' quddiem l-artal li kienet tnemnem u tintefa bil-mod. Jikxef il-purtiera u jgħaddi għal fuq is-setaħ bejn żewġ kolonni tal-irħam aħmar, minn fejn jidher ix-xefaq taż-żerniq wara l-muntanji ta' Orontes. Fil-bogħod jinstema' t-tpespis tal-għasafar nofshom imqajmin minn fost il-weraq tas-siġar iħaxwex fil-masġar tal-wileġ u l-widien. Dak il-ħin tat-tbexbix li kien qed jikser bil-mod il-mod id-dalma ta' bil-lejl, lejn ix-xgħari tan-naħa tal-lvant jidher miksi b'medda ċpar mifrux bħal għadira. Iżda lejn ix-xaqliba tal-lemin fejn il-quċċata tal-għoljiet ta' Zagros kienu jmissu max-xefaq tas-smewwiet feġġet bħal ħuġġieġa nar li minnha ħarġet kewkba kbira tielgħa u taqsam is-smewwiet minn banda għal oħra b'xuxa dawl warajha.*

*Dik id-dehra żżomm lil ARTABAN bil-ħarsa wieqfa lejn dik il-kewkba. Huwa jħoss tkexkixa u jarfa' idejh it-tnejn lejn is-smewwiet fil-waqt li jmejjel rasu f'qagħda tal-akbar qima. Hu jibqa' b'rasu immejla lejn l-art għal xi waqtiet, imbagħad igħatti ħuġbejh b'idejh it-tnejn u jgħid b'leħen għoli:—*

Dan hu s-Sinjal! — Is-Sultan ġej u jiena sejjer niltaqa' miegħu!

GĦELUQ TAL-EWWEL KWADRU

(*Jissokta*)

## KOTBA LI RCEVEJNA

**AĦNA SINJURI** — Rumanz Soċjali ta' J.J. Camilleri.